# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar

ID-DISA’ LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 09

Il-Ħamis 23 ta’ Jannar 2025

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ‘Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq Profs Ġuże’ Aquilina, Il-Munxar, MXR 1012, Għawdex’ nhar il-Ħamis 23 ta’ Jannar 2025 fis-6.00 ta’ filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Damien Spiteri – Sindku
Is-Sinjura Carmela Parnis – Viċi-Sindku
Is-Sur John Farrugia – Kunsillier
Is-Sur John Cassar - Kunsillier

ASSENTI B’APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

Is-Sur Mark Busuttil – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Ryan Debrincat – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Damien Spiteri ppresjeda l-laqgħa.

### 09.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

09.1.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsillier Mark Busuttil informa lill-Kunsill li ser ikun indispost minħabba raġunijiet ta' xogħol barra minn Malta. Il-membri tal-Kunsill li kienu preżenti aċċettaw l-ittra ta' apoloġija.

### 09.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

09.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-numru 08 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

09.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti. Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

09.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti. Dawk preżenti kienu favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

### 09.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

09.3.1 Is-Sindku, is-Sur Damien Spiteri, għarraf lill-membri li f'Diċembru saru l-attivitajiet tal-Milied b'suċċess għajr l-attivita' tal-15 ta' Diċembru li kellha titħassar minħabba l-maltemp.

09.3.2 Is-Sindku informa lill-membri preżenti li saret laqgħa mad-Direttur responsabbli mill-manutenzjoni pubblika fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar dwar il-ħtieġa ta' manutenzjoni estensiva fix-Xlendi fosthom bdil ta' *railings*, xogħol ta' żebgħa, tikħil u kisi, *patching* u manutenzjoni ta' *central strips*.

.

## 09.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;

09.4.1 Il-Kunsillier, John Farrugia ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm bozza fi Triq il-Kavallieri fix-Xlendi li mhix tixgħel. Is-Sindku wieġeb li din ġiet irrapurtata.

## 09.5 Proġetti u Inizjattivi fil-Lokalita';

09.5.1 Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-proġett ta' tisbieħ fid-daħla tal-Munxar fi Triq Santa Dminka reġa' qabad rittmu tajjeb wara pressjoni mill-Kunsill Lokali mal-kuntratturi. Beda x-xogħol ta' qlugħ tas-central strip eżistenti, waslet il-kurduna, għaddejjin b'komunikazzjoni kontinwa dwar l-istruttura tal-merbħa kif ukoll dwar is-sistema tad-dawl. B'rabta mal-istess proġett, is-Sindku għarraf lill-membri li saret laqgħa mad-Direttur responsabbli mill-ambjent rurali fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex u L-Ippjanar dwar il-possibilta' ta' dehra ġdida lis-*soft areas* tal-madwar ladarba l-Kunsill ser jagħmel dan l-investiment li jinkludi wkoll sistema ta' irrigazzjoni.

09.5.2 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara diversi talbiet lill-Ministeru Għal Għawdex u l-Ippjanar ġew mibdula l-*bins* kollha ta' Pjazza Anfori fix-Xlendi.

09.5.3 Is-Sindku informa lill-membri li l-proġett tal-*Waste Depot* fix-Xlendi beda jopera fejn is-sidien tal-istabilimenti kummerċjali qed jiġu msejħa biex jużaw dan is-servizz offrut lilhom.

09.5.4 Is-Sindku, informa lill-membri preżenti li l-Kunsill beda proċess ta' konsultazzjoni flimkien ma' Infrastructure Malta, fejn sidien tal-opri tal-baħar u sajjieda ġew mistiedna jattendu għal-laqgħa biex titjieb l-aċċessibilta' għalihom. Huwa għarraf lill-membri li fost l-oħrajn saru talbiet dwar sistema fuq il-moll tal-ilma u l-elettriku, bini mill-ġdid tal-*islipway* l-antika biex takkomoda l-opri tal-baħar iż-żgħar, tindif tal-*islipway* eżistenti u tneħħija ta' konkos minn fuq il-blata li ċediet ħdejn il-passaġġ tal-bajja.

## 09.6 Attivita' tal-Karnival 2025 fil-Munxar;

09.6.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li wara li l-Kunsill issottometta applikazzjoni għall-finanzjament permezz tal- skema SPI/SCI/08/2024 biex tittella' l-attivita' tal-Karnival fil-Munxar, il-Kunsill ingħata €5,000 għal din l-attivita' u ġie ffirmat il-kuntratt mad-Diviżjoni Għall-Gvern Lokali. Huwa fakkar lill-membri li kif diġa' approvat f'laqgħa preċedenti, l-attivita' ser issir nhar il-Ħamis 27 ta' Frar 2025 fi Pjazza tal-Knisja fil-Munxar, u ser tinkludi esebizzjoni ta' maskri grotteski, gruppi taż-żfin u sfilata speċjali għat-tfal bil-kostumi. Fost oħrajn, għal din l-attivita' il-Kunsill irid jikri sistema ta' *sound*, dawl, siġġijiet u *mobile toilets*, ihejji *risk assessment* u jkun kopert b'polza t'assigurazzjoni.

Kien hemm qbil mill-membri dwar dan u ġie deċiż ukoll li l-Kunsill jippubblika avviż, li jitqassam lil kull residenza, dwar din l-attivita' u dwar il-parteċipazzjoni tat-tfal bil-kostumi fl-isfilata. Kien hemm qbil ukoll sabiex it-tfal li jipparteċipaw fl-isfilata jingħataw tifkira tal-okkażjoni.

## 09.7 Festa San Pawl Nawfragu – 10 ta' Frar 2025;

09.7.1 Is-Sindku għarraf lill-membri li l-parroċċa flimkien mal-kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin fasslu programm speċjali għall-festa ta' San Pawl Nawfragu fid-dawl taċ-ċelebrazzjonijiet marbuta mal-għeluq tal-mitt sena mill-konsagrazzjoni tal-Knisja.

Il-Kunsill intalab il-kollaborazzjoni għall-attivita' ta' nhar il-Ħadd 9 ta' Frar 2025 fejn ser isir marċ bis-sehem tat-tfal tal-parroċċa. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

Is-Sindku fakkar lill-membri dwar l-istedina tal-parroċċa għall-quddiesa pontifikali nhar l-10 ta' Frar 2025 fid-9.00 ta' filgħodu.

## 09.8 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti u rapporti;

09.8.1 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Gozo Action Group Foundation bil-pubblikazzjoni tar-riżultati wara li l-Kunsill issottometta applikazzjoni flimkien mal-għaqdiet volontarji tal-lokalita' għall-fondi ewropej taħt il-miżura 4 "Rejuvinating Gozo". Il-Kunsill ikklassifika fil-ħames post u b'hekk qiegħed it-tieni fil-lista ta' riżerva.

09.8.2 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kunsill Reġjonali Għawdex dwar laqgħa li ser issir mal-għaqda volontarja 'Din L-Art Ħelwa' biex il-Kunsill Reġjonali, f'isem il-Kunsilli Lokali, jappoġġja l-kawża tagħha għall-konservazzjoni tal-*British Barracks* li jinsabu ġewwa Forti Chambray. Is-Sindku għarraf lill-membri bid-diskussjoni li kien hemm waqt il-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex fejn ġie mgħarraf b'permess approvat mill-Awtorita' tal-Ippjanar biex jiġu rilokati dawn il-*British Barracks* fejn l-għaqda 'Din L-Art Ħelwa' kienet oġġezzjonat għal dan il-permess. Is-Sindku ppropona sabiex il-Kunsill Lokali Il-Munxar jinnota l-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali Għajnsielem peress li tolqot lilu direttament, filwaqt li jemmen li l-Kunsill Lokali Għajnsielem jista' jieħu l-aktar deċiżjoni nfurmata. Kien hemm qbil mill-membri dwar dan.

09.8.3 Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-Kap tal-iskola primarja ta' Sannat għall-kollaborazzjoni mill-Kunsill f'Jum iċ-Ċelebrazzjoni li ser issir nhar id-9 ta' Mejju 2025 fejn studenti tal-ħames u s-sitt sena jiġu rikonoxxuti għall-ħidma u s-suċċess li kisbu matul is-sena skolastika li għaddiet. Kien hemm qbil mill-membri sabiex il-Kunsill jikkollabora permezz ta' għajnuna finanzjarja fl-ispiża tal-kotba li jingħataw bħala rikonoxximent lill-istudenti.

09.8.4 Applikazzjoni għall-permess ta' divertiment mill-Kunsill:

- Attivita' tal-Karnival fi Pjazza tal-Knisja, il-Munxar – 27 ta' Frar 2025 organizzata mill-Kunsill Lokali. Dan il-permess ser jintbagħat għan-*no objection* tal-Pulizija.

09.8.5 Ċirkulari SPI/SCI/01/2025 – Korsijiet Lifelong Learning 2025/2026 Offruti mid-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u l-Impjegabilita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.8.6 PQ 24398 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, Arti u l-Gvern Lokali – Kiri ta' karozzi: Nefqa. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

09.8.7 PQ 24381 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, Arti u l-Gvern Lokali – Xiri ta' karozzi ġodda: Nefqa. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

09.8.8 PQ 23595 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, Arti u l-Gvern Lokali – Dredit/Debit cards. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

09.8.9 PQ 24891 - Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, Arti u l-Gvern Lokali – Kunsilli Lokali: Talbiet għal xogħlijiet minn Infrastructure Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut u ssottometta t-tweġiba tiegħu.

09.8.10 Ċirkulari Nru AKL 2024/089 – RIGHTS: Training Sessions in January. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.8.11 Ċirkulari Nru AKL 2024/090 – Promoting Active Ageing Through Intergenerational Learning: A Transformative Journey. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.8.12 Ċirkulari Nru AKL 2024/091 – Formola għaċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-armi tan-nar. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.8.13 Ċirkulari Nru AKL 2025/001 – Mental First Aid Training 2025. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.8.14 Ċirkulari Nru AKL 2025/002 – Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.8.15 Ċirkulari Nru AKL 2025/004 – Increasing Digitalisation Awareness & Readiness of Maltese Communities: Online Training. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.8.16 Ċirkulari Nru AKL 2025/005 – Introduction to Basic IT Software for CIES Employees. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.8.17 Ċirkulari Nru AKL 2025/006 – Personal Accident Policy. Il-Kunsill innota l-kontenut.

09.8.18 Ċirkulari Nru AKL 2025/007 – Award in English Writing and Reading for Business Management: Gozo Cohort. Increasing Digitalisation. Il-Kunsill innota l-kontenut.

## 09.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti;

09.9.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 09/2025-9 għall-perjodu bejn l-20 ta' Diċembru 2024 u t-23 ta' Jannar 2025 li tammonta għal €35,596.04 ġiet approvata u ffirmata. Il-Viċi Sindku Carmela Parnis kienet il-proponent filwaqt li l-Kunsillier John Cassar is-sekondant.

## 09.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

09.10.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għall-Ħamis 20 ta' Frar 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati illum, il-Ħamis 20 ta' Frar 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Damien Spiteri | Ryan Debrincat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |